31999D0629

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-13 ta' Settembru 1999
li taħtar is-Segretarju-Ġenerali, Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

(1999/629/KE, KEFA, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, u b'mod partikolari l-Artikolu 30(2) tiegħu

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) tiegħu

Wara li kkunsidra id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/543/KE, KEFA, Euratom tad-29 ta' Lulju 1999 li testendi l-mandat ta' Mr Jürgen Trumpf bħala Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea [1],

Wara li kkunsidra il-qbil tas-Sur Jürgen Trumpf li jitlaq il-kariga tiegħu fis-17 ta' Ottubru 1999,

Billi s-Segretarju Ġenerali l-ġdid, Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, tal -Kunsill ta' L-Unjoni Ewropea għandu jinħatar,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sur Javier Solana Madariaga hawnhekk qed ikun maħtur Segretarju-Ġenerali, Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, tal-Kunsill ta' L-Unjoni Ewropea ghal perjodu ta' ħames snin b'effett mit-18 ta' Ottubru 1999.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/543/KE, KEFA, Euratom tad-29 ta'Lulju 1999 għandha tkun emendata safejn ma taqbilx ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lis-Sur Javier Solana Madariaga u lis-Sur Jürgen Trumpf mill-President tal-Kunsill.

Għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fit-13 ta' Settembru 1999.

Għall-Kunsill

Il-President

T. HALONEN

[1] ĠU L 209, 07.08.1999, p. 28.